**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**-vs-**

**Jason Manuel Briffa, detentur tal-karta tal-identita` numru 121193M**

***Kumpilazzjoni Nru. 1131/2012***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Manuel Briffa talli:

1. Nhar it-30 ta' Lulju, 2012, matul il-jum u ċjoè għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30hrs) f'dawn il-gżejjer u ċioe fi Triq ix-Xatt, Msida, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biżgħa dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2329.37) u dan bi ħsara ta' Arthur Emanuel Vella u/jew ta' persuni oħra;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li lilu ġiet fdata jew kkunsinnata minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, approprija ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt it-titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, għad-detriment ta' Arthur Emanuel Vella u/jew ta' persuni oħra u dan ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3. Kiser il-kunidzzjonijiet imposti fuqu skont il-provediment tal-artikoli 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it-13 ta' April 2011;

4. Sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi motgħija lilu mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat li fis-seduta tallum, l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2012 u s-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum stess.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma hi xejn felici, l-ammissjoni tieghu w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 293, 294 u 310(1)(b)[1] tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn 5 xhur u tlett snin prigunerija.